TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: CCT168/23/DS**

**John Catania**

**Vs**

**A.F.S. Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrimborsah l-ammont ta' tlieta u sebgħin ewro u erbgħin ċentezmu (€73.40) rappreżentanti l-ammont imħallas għat-tiswija ta' pompa illi kienet difettuża u kienet għadha taħt il-garanzija u terġa tibda l-garanzija mill-ġdid;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-soċjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma it-talba tiegħu taħt ġurament u ta' x'xhieda ampja tiegħu dwar kif ġraw il-fatti. Jidher illi ma kienx hemm raġuni valida,

li tirrizulta mill-atti, għaliex filwaqt illi l-pompa kienet għadha taħt garanzija l-attur ġie mġiegħel iħallas għat-tiswija tagħha.

Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti u d-danni sofferti huma korroborati min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal dwar dak li gie kkonfermat taħt gurament.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-ammont tlieta u sebgħin ewro u erbgħin ċentezmu (€73.40) lill-attur u tordna sabiex iż-żmien tal-garanzija jerggħa jibda jgħodd mill-ġdid mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**